**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum18 ta' Frar, 2016

Rikors Nru : 246/15 AL

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti illi gie ikkonfermat minnu bil-gurament, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-esponenti u CB zzewgu nhar id-dsatax (19) ta' Jannar, tas-sena elf disgha mija tlieta u sittin (1963 gewwa l-Knisja Parrokjali ta' Haz Zabbar, certifikat taz-zwieg esebit, anness u mmarkat Dok 'A';

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (1996), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok 'B';

Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet twieldu tlett (3) itfal, ilkoll maggorenni;

Illi ai termini ta' klawsola numru tnejn (2) tal-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat Dok B, l-esponenti kien obbliga ruhu li jhallas lil martu s-somma ta' LM 43.33 fix-xahar, illum €100.94 bhala mateniment lill-istess martu u jiddikjara li huwa dejjem hallas l-ammont f'manteniment u ma jezistu ebda arretrati dovuti lill-istess martu;

Illi inoltre ma tezisti ebda possibilita ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-Ligi ghall-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata minnha bil-gurament, li permezz taghha ippremmettiet :

Illi l-esponenti giet notifikata bit-talba ghall-hall ta' zwieg bejn il-partijiet;

Illi l-esponenti qeghda tiehu is-somma ta' tlieta u erbghin liri Maltin u tlieta u tletin cents (LM 43.33) ekwivalenti ghal cirka mija u ewro (€101) fix-xahar bhala manteniment u ma hemmx l-ebda arretrati;

Illi l-esponenti ma ghandha l-ebda oggezjoni ghal dina it-talba dement li l-manteniment ma jigix varjat;

Illi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tas-separazzjoni ma jistghux jigu varjati hekk kif jidher mill-att ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Anthony Abela datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru elf disgha mija sitta u disghin (1996);

Illi l-esponenti ma tixtieqx li tirriverti ghal kunjomha xebba u ghaldaqstant tixtieq li tibqa tuza kunjomha bhala mizzewga u cioe' Mizzi;

Illi l-esponenti titlob illi hija ma tbatix spejjez ta' dawna l-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Lulju, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Novembru 1996 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.